MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2005

Numru 660/2004

**Lombard Bank Malta p.l.c**
**VS**
**Alexander u Dragmar Aloisio**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha is-socjeta' attrici ippremettiet illi:

Peress illi l-Bank attur permezz ta' tlett kuntatti wiehed fl-atti tan-Nutar John Spiteri li jgib id-data tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju elf disgha mija u sebgha u disghin (1997) li kopja legali tieghu hija hawn annessa u mmarkata ''Dok 'A' u t-tnejn l-ohra fl-atti tan-Nutar Pierre Attard li jgibu d-dati tat-tlettax (13) ta' Ottubru elf disa' mija

disgha u disghin (1999) u tnejn u ghoxrin (22) ta' Marzu tas-sena elfejn u wiehed (2001) li kopji legali taghhom huma hawn annessi u mmarkati 'Dok B'' u Dok 'C' kien ikkonceda lill-konvenuti Alexander u Dragmar konjugi Aloisio facilita' ta' ''overdraft'' u in forza ta' din il-facilita' l-imsemmija konvenuti sselfu l-flus minghand il-Bank attur u ghandhom debitu bilancjali favur l-istess Bank attur ta' tmintax il-elf sitt mija tlieta u disghin Liri Maltin tmienja u erbghin centezmi (Lm18,693.48) skond 'statements'' hawn annessi u mmarkati ''Dok 'D' u Dok 'E'' bl-interessi kkalkolati sal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Awissu tas-sena elfejn u erbgha (2004) oltre l-imghaxxijiet ulterjuri mis-sitta u ghoxrin (26) ta' Awissu tas-sena elfejn u erbgha (2004) sad-data tal-pagament effettiv u ggarantew il-hlas lura ta' l-imsemmi debitu b'mod solidalu permezz ta' ipoteka generali fuq hwejjighom kollha prezenti u futuri, kif ukoll b'ipoteka specjali fuq propjetajiet f'Tas-Sliema u San Giljan skond kif ahjar deskritti fl-imsemmi kuntratti;

Peress illi permezz ta' kuntratti fl-att tan-Nutar Pierre Attard li jgibu d-dati tat-tlettax (13) ta' Ottubru elf disa' mija disgha u disghin (1999) li kopja legali tieghu hija hawn annessa u mmarkata ''Dok ''F'' l-istess konvenuti inghataw ukoll facilita ta' self u in forza ta' l-istess facilita li l-imsemmija konventi sselfu minghand il-Bank attur u ghandhom debitu bilancjali favur il-Bank attur ta' tnejn u erbghin elf tlett mija tlieta u tmenin Liri Maltin tmienja u erbghin centezmi (Lm42,383.48) skond statement hawn anness u mmarkat Dok 'G'' bl-interessi kkalkolati sal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Awissu tas-sena elfejn u erbgha (2004) oltre l-imghaxxijiet ulterjuri mis-sitta u ghoxrin (26) ta' Awissu tas-sena elfejn u erbgha (2004) sad-data tal-pagament effettiv;

Peress illi ghalhekk il-konvenuti huma debituri tal-Bank attur fl-ammont komplessiv ta' wiehed u sittin elf sitta u sebghin liri Maltin sitta u disghin centezmi (Lm61,076.96) bl-interessi ikkalkolati sal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Awissu tas-sena elfejn u erbgha (2004) oltre l-imghaxxiijiet ulterjuri mis-sitta u ghoxrin (26) ta' Awissu tas-sena elfejn u erbgha (2004) sad-data tal-pagament effettiv;

Peress illi ghalkemm interpellati sabiex ihallsu dan id-debitu anke ufficjalment, skond kopja legali ta' ittra ufficjalment li ggib id-data tal-hdax (11) ta' Frar tas-sena elfejn u erbgha (2004) hawn annessa u mmarkata Dok 'H'' il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m'ghandhomx minn din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet hawn fuq premessi;-

1. jigu solidament ikkundannati sabiex ihallsu lil Bank attur  s-somma ta' wiehed u sittin elf sitta u sebghin Liri Maltin sitta u disghin centezmi (Lm61,076.96) skond tlett ''statements '' hawn annessi u mmarkati Dok 'D', ''Dok ''E'' u ''Dok ''G'' bl-interessi kkalkolati sal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Awissu tas-sena elfejn u erbgha (2004) oltre l-imghaxijiet ulterjuri ulterjuri mis-sitta u ghoxrin (26) ta' Awissu tas-sena elfejn u erbgha (2004) sad-data tal-pagament effettiv, kollox kif spjegat ahjar aktar 'il fuq.

Bl-ispejjez kollha inkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali li ggib id-data tal-11 ta' Frar 2004 u bl-imghaxijiet legali mis-26 ta' Awissu 2004 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol.3 tal-process;

Rat in-nota tal-konvenut Alexander Aloisio  tad-9 ta' Frar, 2005 li biha ammetta t-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Rat in-nota tal-konvenuta Dagmar Aloisio tat-2 ta' Gunju, 2005 li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti it-taba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------